**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 185/23**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**vs**

**Alfio VASSALLO**

**Illum, 26 ta' Marzu 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-*parte civile* **Natalia VASSALLO** minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' April 2023 fil-konfront ta' **Alfio VASSALLO** ta' 46 sena, iben George u Lorenza nee` Bezzina, imwieled Attard nhar l-24 ta' April 1972 u residenti 39, Flat 1, Triq is-Sikkina, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 211872(M), wara li ġie mixli talli:

   Nhar is-7 ta' Marzu 2019 għall-ħabta ta' bejn id-09:30hrs u l-10:30hrs u/jew fil-ġranet u xhur ta' qabel ġewwa Marsaskala, u diversi bnadi oħra f'Malta:

1. Ħebb għal Natalia Vassallo sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod;

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Natalia Vassallo;

3. Ikkaġuna lil martu Natalia Vassallo biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Alfio Vassallo, a benefiċċju ta' Natalia Vassallo u l-familjari tagħha.

In oltre il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuni ta' Natalia Vassallo u l-familjari tagħha, jew sabiex tinżamm l-ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Alfio Vassallo b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lil Alfio Vassallo sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli

[1] Il-Qorti tinnota illi dawn kienu l-imputazzjonijiet fl-aħħar ċitazzjoni li ġiet notifikata lill-appellat fl-10 ta' Ottubru 2019, u dan minkejja illi matul il-proċeduri kienu saru żidiet fl-imputazzjonijiet oriġinali, li madankollu ma ġewx riflessi fl-aħħar ċitazzjoni li huwa ġie notifikat biha. L-Ewwel Qorti, madankollu, ma mxietx kompletament ma' din iċ-ċitazzjoni, iżda wkoll ma' ċitazzjoni ppreżentata mill-Prosekuzzjoni nhar it-12 ta' April 2019, li fiha kienet tinkludi wkoll imputazzjonijiet oħrajn, li ma ġewx inklużi fiċ-ċitazzjoni notifikata lill-appellat nhar l-10 ta' Ottubru 2019.

339(1)(d), 339(1)(e), 251A, 251B, 221(3) u 222 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat (illum l-appellat) **Alfio VASSALLO** mhux ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom. Sabet lill-istess imputat ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal twiddiba u ċanfira.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-*parte civile* **Natalia VASSALLO** appellat minn din is-sentenza b'rikors intavolat nhar is-17 ta' Mejju 2023, u talbet lil din il-Qorti sabiex "*filwaqt li tikkonferma fejn sabet ħtija, tħassar u tirrevoka fejn ma sabitx htija fl-imputat u minflok issibu hati skont l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġeb għall-appell interpost minn **Natalia VASSALLO** billi tenna illi t-talba tal-*parte civile* għandha tiġi milqugħa, b'tali mod illi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet ħtija, filwaqt illi tħassarha u tirrevokaha fejn ma sabitx ħtija fl-appellat, u minflok issibu ħati skont l-akkużi kif dedotti fil-konfront tiegħu, u dan għar-raġunijiet minnu indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet, inkluż l-avukat difensur tal-appellat, trattaw il-mertu tal-appell fl-udjenza miżmuma quddiemha nhar is-26 ta' Marzu 2024.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi kif ingħad, f'dan il-każ l-appell ġie interpost mill-*parte civile.* Il-Kodiċi Kriminali huwa ċar in kwantu jindika min jista' jappella minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ċioe` il-persuna misjuba ħatja f'kull każ (Artikolu 413(1)(a)), fil-każijiet speċifikatament imsemmija fl-Artikolu 413(1)(b)[2], l-Avukat Ġenerali u fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 373, il-kwerelant, u l-Avukat Ġenerali fil-każijiet kollha l-oħra (Artikolu 413(1)(ċ)).

7. Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Vella** tal-24 ta' Frar 2000, ingħad hekk:

> Jiġifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta (a) ir-reat ikun ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jiġifieri jkun jinkwadra f'dak li jipprovdi l-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien ma' l-Artikolu 371; (b) l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa ħlief bil-kwerela tal-offiż; u (c) il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiż kif provvdut fl-Artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali b'mod li s-sentenza tingħata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiż) u tal-kwerelat (l-imputat) (u għalhekk mill-*occhio* tas sentenza ikun jidher li l-partijiet fil-kawża huma l-kwerelant u l-imputat, u mhux il-Pulizija u l-imputat) (ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Philippa Farrugia, 6/12/1995 u s-sentenzi l-oħra imsemmija f'din is-sentenza; Il-Pulizija v. Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras, 20/1/1997; u Il-Pulizija v. Raymond Sultana, 11/7/1997).[3]

8. Kemm il-darba dawn il-kriterja jiġu lkoll sodisfatti, trid imbagħad tirriżulta waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali in sostenn tal-appell.

---

[2] Dan l-artikolu jirreferi għall-proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali.

[3] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Agius** tat-3 ta' Marzu 2020, fejn saret referenza, dwar dan il-punt, għal sensiela ta' sentenzi oħrajn u ċioe` is-segwenti: **Il-Pulizija vs Alfred Vella**, 24 ta' Frar 2000 (fuq ċitata); **Il-Pulizija vs Joseph Bugeja**, 25 ta' Jannar 2008; **Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard**, 21 ta' Jannar 2011, **Il-Pulizija vs Robert Forace**, 8 ta' Mejju 2013; **Il-Pulizija vs Jimmy Bonnici et**, 17 t'Ottubru 2013; **Il-Pulizija vs Teresa Mifsud**, 6 ta' Frar 2015; **Il-Pulizija vs Darren Grima**, 28 ta' Frar 2018; **Il-Pulizija vs Martin Vella**, 12 ta' Marzu 2019; u **Il-Pulizija vs Ritchel Musa Lotino Borg**, 16 ta' Lulju 2019.

9. Illi in oltre, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anthony Agius</u>** tat-3 ta' Marzu 2020, dawn ir-rekwiżiti huma <u>kumulattivi</u>.

10. Fil-każ odjern, għalkemm l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' tnejn mir-reati li bihom ġie mixli l-appellat odjern (ossia r-reati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet) ma setgħetx titmexxa ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, il-Prosekuzzjoni nbdiet billi l-appellat tressaq taħt arrest b'ċitazzjoni ta' kawża tal-Pulizija u mhux b'taħrika ta' kawża privata, u l-azzjoni tmexxiet mill-Pulizija Eżekuttiva *ex officio.* Dan huwa evidenti mill-okkju tal-kawża: 'Il-Pulizija vs Alfio Vassallo'. Għalhekk mis-sentenza tal-Ewwel Qorti seta' jappella biss l-Avukat Ġenerali u mhux il-*parte civile.* Il-kwerelanti semmai setgħet tagħmel talba fit-termini tal-Artikolu 414(1) tal-Kodiċi Kriminali sabiex l-Ewwel Qorti tagħti aċċess lill-Avukat Ġenerali, bil-mezzi elettroniċi, għal kopja skenjata tas-sentenza, tal-atti tal-kawża u x-xhieda, permezz tar-Reġistratur, u dan sabiex l-Avukat Ġenerali mbagħad iqis jekk għandux jappella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Minflok, dak li għamlet il-*parte civile*, b'nota tal-5 ta' Mejju 2023, kien illi nformat lill-Ewwel Qorti illi kien bi ħsiebha tappella mis-sentenza tagħha, meta dan ma setgħetx tagħmlu fid-dawl tal-fatt illi kienet il-Pulizija Eżekuttiva, u mhux il-*parte civile,* li mexxiet il-prosekuzzjoni f'dan il-każ. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti rikjesti mil-liġi sabiex jista' jirnexxi appell tal-*parte civile* ma jirriżultawx.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiddikjara r-rikors tal-appell interpost minn **Natalia VASSALLO** bħala irritu u null u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**